IX-XGĦAJRA

Minuti tal- laqgħa Nru 6 (Sitta) tas-Seba' Legislatura tal-Kunsill Lokali tax-Xgħajra li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar il-Ħamis, 29 t'Awwissu, 2013 fil-5.30pm

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Il-Membri |
| | |
| Is-Sindku | Anthony R.Valvo |
| Viċi Sindku | Attard Neil |
| Kunsilliera | Borg Mary Doris |
| | Buttigieg Antonia |
| | Azzopardi Joseph |
| | |
| **L-Uffiċjal:** | |
| Is-Segretarju | Ranier Busuttil |

1. Item Nru 1 fuq l-aġenda –Kullħadd preżenti

2. Item Nru 2 fuq l-aġenda – Qari tal-Minuti u approvazzjoni tagħhom.

    2.1 Il-Minuti nqraw u ġew approvati unanimament.

3. Item Nru 3 fuq l-aġenda – Matters arising

    3.1 Dwar Minuta 3.1 is-Sindku qal li s-Segretarju kiteb lil Go sabiex iċaqalqu l-card phone ta' Triq il-Knisja.

    3.2 Dwar Minuta 3.2 Traffic Management - Il-Kunsill qabel li fi Triq iċ-Ċern fil-kantuniera ma' Triq Karmelo Ritchie titwaħħal camera sabiex taqbad lil dawk il-heavy vehicles li qiegħdin jitilgħu minkejja li din it-triq hija projbita għal heavy vehicles. B'hekk ikunu jistgħu jinħarġu ċitazzjonijiet lil min jikser il-liġi.

    3.3 Sleeping Police fi Triq iċ-Ċern – Il-Kunsill qabel li ssir din is-*sleeping police* fil-laqgħa preċedenti pero`għadna qed nistennew il-kuntrattur biex jiġi jagħmilha. Apparti hekk ser jitwaħħlu *cats eyes* tul il-*hedging* li sar ġdid fil-parti f'isfel.
    Is-Sindku qal li fuq l-istess tema ta' Triq iċ-Ċern nhar il-Erbgħa li ġej ser ikollna laqgħa mal-Perita Audrey Testaferrata de Noto minn TM sabiex naraw hemmx xi alternattiva oħra fuq traffic management.

Kunsill Lokali tax-Xgħajra
Delle Grazie Batterija
Triq Dwardu Ellul
ix-Xgħajra XJR1360 – Malta
Tel: 21693269 Fax: 21695969
E-Mail xghajra.lc@gov.mt

3.4 Bandli ta' Triq il-Fortizza tal-Grazzja – Is-Sur Neil Attard ippropona li dan il-bandli għandu jinżamm miftuh sal-11pm fil-ġranet tas-sajf.
Saret diskussjoni fuq dan is-suġġett u ġie deċiż li din il-playing field għandha jkollha ħinijiet ta' ftuħ u għeluq għall-użu ta' tfal ta' bejn l-4 u 12 –il sena u bħal ma jsir f'postijiet oħra l-ħinijiet għandhom ikunu li jakkomodaw tfal ta' din l-eta' bil-ġenituri magħhom b'ħinijiet raġonevoli u b'hekk jiġi evitat li jkollna żgħażagħ t'eta' ikbar li jistgħu mhux biss jagħmlu ħsara imma wkoll ikunu mingħajr kontroll.

Is-Sur Attard ukoll issuġġerixxa li ssir playing area għat-tfal zgħar li tkun magħluqa wkoll. Is-Sur Joe Azzopardi ssekondah f'din il-proposta u b'hekk il-Kunsill ra li għandna nistudjawha aħjar u nsibu post fejn l-aħjar li tista' ssir.

Il-Kunsill qabel li għandna nġibu mobile toilet sabiex jiġi fiss fid-daħla tal-bandli.

3.5 Tagħlim tat-tfal – Is-Sinj. Doris Borg qalet li l-lezzjonijiet issa ser jieqfu u kienu ta' suċċess. Doris qalet li bdejna b'6 studenti u telgħu għal-10. Hija qalet li dan jagħtina kuraġġ sabiex jerġgħu isiru s-sena d-dieħla. Li nistgħu ukoll is-sena d-dieħla hu li nagħmlu aktar avviżi kmieni sabiex jintlaħqu aktar tfal t'etajiet differenti tal-Primarja. Is-Sinj. Borg qalet li hi sabet koperazzjoni sħiħa mill-ġenituri tat-tfal li attendew.

3.6 Smart City – Is-Sindku qal li kellu laqgħa mas-CEO il-ġdid (is-Sur Anthony Tabone) rigward it-trabijiet u l-istorbju li qiegħed iġarrab ir-raħal kollu. Is-Sur Valvo qal li minn din il-laqgħa ħareġ li SmartCity qed jaraw metodi oħra bħal barriers u boundary wall biex isolvu dan l-inkonvenjent.

Is-Sur Tabone ikkommetta ruħu wkoll li biex jgħin lill-komunita`tax-Xgħajra ser iġib u jqiegħed madum tal-art fil-Knisja tax-Xgħajra. Is-Sur Valvo qal ukoll li apparti hekk huwa talbu wkoll il-madum għas-sala tal-Isports Complex. Is-Sindku qal li talbu wkoll sabiex jerġgħu jibdew laqgħat ta' kull xhar bejn il-Kunsill u SmartCity.

3.7 Promenade – Is-Sur Neil Attard qal li max-xatt hemm postijiet fejn qiegħed iżomm l-ilma meta tagħmel ix-xita. Is-Sindku qallu li bħal kull Ħarifa il-Kunsill iqabbad lill-ħaddiema assenjati mal-Kunsill sabiex jiftħu l-culverts li hemm tul ix-xatt kollu fejn dawn jintlew bil-ħmieġ li jinblukkhom.

Kunsill Lokali tax-Xgħajra
Delle Grazie Batterija
Triq Dwardu Ellul
ix-Xgħajra XJR1360 – Malta
Tel: 21693269 Fax: 21695969
E-Mail xghajra.lc@gov.mt

IX-XGĦAJRA

Dwar ir-railing tal-promenade is-Sur Valvo qal li beda x-xogħol. Inqala' parti minnu ta' wara l-Bus Shelter u tpoġġa wieħed temporanju. Dan ser jieħduh biex jiggalvanizzawh u jerġgħu iwaħħluh.

3.8 Użu tal-Ground tal-Futbol – Is-Sur Neil Attard ikkonferma li l-proposta li saret fil-laqgħa ta' qabel biex il-grawnd tat-turf ikun miftuh għat-tfal nhar ta' Ħadd filgħodu. ġiet milqugħa.

3.9 Saret diskussjoni fuq l-inkonvenjenza li qiegħda tiżdied minħabba l-irwejjaħ ta' l-impjant tad-drenaġġ. Ġie deċiż li l-Kunsill jikteb kemm lill-Mepa kif ukoll lill-WSC li din is-sitwazzjoni ma tistax tkompli titkaxkar għad-dannu tar-residenti kollha tax-Xgħajra speċjalment għal dawk li joqogħdu viċin ta' l-impjant. Konna mwiegħ din impjant mingħajr irwejjaħ kif ukoll landscaping addattat imma wara kważi 3 snin dawn għadhom ma' ġewx implimentati.

4. Item Nru 4 fuq l-Aġenda – Approvazzjoni ta' l-infieq t'Awwissu

4.1 Il-pagamenti għax-xahar t'Awwissu ġew approvati unanimament.

5. Item Nru 5 fuq l-Aġenda – Xogħol madwar ix-Xgħajra

5.1 Is-Sur Attard qal ukoll li għandna nneħħu r-roundabout li hemm qabel titla' Triq Carmelo Penza. Is-Sindku qal li dik diġa' kellimna lil TM u ser inneħħuha għax saret ħażin. Il-Viċi Sindku ssuġġerixxa li fl-istess Triq fil-parti ta' fuq issir mera għall-karozzi. Il-Kunsill qabel li din tista' ssir max-xogħol li jmiss.

5.2 Proġett Sports/Recreational Complex – Is-Sindku qal li l-kuntrattur li ser jagħmel ir-rampa mhux beħsiebu jkompli qabel dan jitħallas minn TM. Huwa għandu kontijiet li jlaħħqu l-fuq minn €200,000. Dan ix-xogħol laħaq dawn iċ-ċifri minħabba li ċediet it-triq u kellu jagħmel infurżar bil-blokki sabiex ma tkomplix iċċedi. Is-Sindku qal li saret laqgħa bejn il-kun trattur u c-CEO ta' TM fil-preżenza tiegħu fejn ġie deċiż li l-periti ta' TM jagħmlu r-rapporti tagħhom fuq din il-kwistjoni.

5.3 Is-Sinj. Doris Borg ipproponiet li l-fencing ta' Triq l-Awrat titwaħħal temporanjament sal-kantuniera sabiex ikun aktar *safe*. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

Kunsill Lokali tax-Xgħajra
Delle Grazie Batterija
Triq Dwardu Ellul
ix-Xgħajra XJR1360 – Malta
Tel: 21693269 Fax: 21695969
E-Mail xghajra.lc@gov.mt

IX-XGĦAJRA

5.4 Is-Sinjura Antonia Buttiġieġ issuġġeriet li jsir refreshing tal-linji tat-toroq għaliex ħafna minnu qiegħed jitħassar. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

5.5 Is-Sindku qal li għandna talba mix-Xgħajra Tornadoes sabiex isir xogħol madwar il-ground tal-futbol. Dan ix-xogħol jitratta konkos mal-arbli li jżommu l-fence sabiex jiġu nfurzati. Ġie deċiż li s-Sur Joseph Azzopardi jieħu ħsieb dan u jiltaqa' ma' Raymond Camilleri tal-football club ħalli jippjanaw dan ix-xogħol.
Is-Sur Valvo qal li l-klabb għandu japplika għal-Good Causes Fund sabiex itaffu mill-ispejjeż tal-konsum tad-dawl permezz ta' nstallazjoni tal-pannelli fotovoltajiċi.

Is-Sur Attard ippropona li fejn il-ground wara l-kamra tad-dawl isir pitch tal-boċċi. Kemm is-Sindku kif ukoll is-Sur Azzopardi spjegaw li dan ix-xogħol għal pitch kien diġa' beda imma twaqqaf għax instab il-blat fil-wiċċ li kien ifisser li jrid jiġi eskavat sabiex issir livell wieħed. Kulħadd qabel u ġie deċiż li l-Viċi Sindku l-ewwel jagħmel stħarriġ ta' spejjeż neċessarji sabiex dan il-pitch ikun jista' jsir.

6. Item Nru 6 fuq l-Aġenda – Korrispondenza

6.1 Is-Sindku qal li rċevejna talba minn Colletorto sabiex sa' massimu ta' 9 persuni mill-Kunsill jitilgħu l-Italja biex isiru diskussjonijiet fuq proġetti għal futur. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta u ser jara l-affarijiet logistiċi ta' min l-aħjar li jmur.

7. Item Nru 7 fuq l-Aġenda – Affarijiet oħra

7.1 Trasport Pubbliku – Is-Sindku qal li minn l-aħħar laqgħa ma' TM, li kien hu preżenti għaliha, ġie notifikat li ser tibda rotta ġdida bin-numru 121 li ser tidħol ix-Xgħajra u tmur lejn l-isptar San Luqa fi Gwardamangia. Din ir-rotta ser tidħol fl-operat tal-Arriva minn Novembru. Hemm il-ħsieb ukoll li l-120 għal Mater Dei tibda tgħaddi minn St. Peters fl-istess rotta bħan-nru 94.

Is-Sur Valvo qal ukoll li ġie deċiż minn TM li l-karozzi tal-Arriva jieqfu max-xatt kemm il-darba dawn jaslu x-Xgħajra qabel il-ħin.

Is-Sindku tkellem fuq il-bus shelter li kien diskuss fil-laqgħat preċedenti u qal li dan applikajna għalih u issa jridu jiġu jaraw f'liema post joqgħod l-aħjar viċin ta' Triq Carmelo Penza qabel il-karozzi jitilgħu mix-xatt.

Kunsill Lokali tax-Xgħajra
Delle Grazie Batterija
Triq Dwardu Ellul
ix-Xgħajra XJR1360 – Malta
Tel: 21693269 Fax: 21695969
E-Mail xghajra.lc@gov.mt

IX-XGĦAJRA

8. Item Nru 8 fuq l-Aġenda – Aġġornament

9.1 Il-Laqgħa ġiet aġġornata għat-Tnejn , 7 t'Ottubru, 2013 fil-5.30pm

______________________________ ______________________________

Segretarju Eżekuttiv Sindku

Kunsill Lokali tax-Xgħajra
Delle Grazie Batterija
Triq Dwardu Ellul
ix-Xgħajra XJR1360 – Malta
Tel: 21693269 Fax: 21695969
E-Mail xghajra.lc@gov.mt